MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 1122/2014

**Albert Muscat (ID 435379(M)) u Elaine Pace (ID 480878(M))**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited (C32326)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Maltco Lotteries Limited datat 9 ta’ Dicembru 2014 fejn esponiet illi: -

Fid-digriet wara t-talba għal ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni datat 11 ta’ Novembru 2014, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta’ Albert Muscat u Elaine Pace għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex is-soċjeta’ esponenti tiġi inibita milli tagħmel dawk l-azzjonijiet hemmhekk indikati;

Skont l-Artikolu 742(4) u (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-persuna li tkun parti minn ftehim ta’ arbitraġġ u li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju għandha tressaq it-talba quddiem l-arbitru fi żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.

Fin-nuqqas ta’ dan, l-att kawtelatorju għandu jitneħħa;

Is-soċjeta’ esponenti ġiet notifikata bin-*Notice of Arbitration* (kopja annessa u mmarkata bħala **“Dok A”**)[1] u jirriżulta li din in-*notice of arbitration* iġġib id-data tat-2 ta’ Diċembru 2014 bħala d-data tal-preżentata tagħha. Is-soċjeta` intimata rċeviet l-atti in kwistjoni jumejn wara, fl-4 ta’ Diċembru;

Għaldaqstant, jirriżulta li Albert Muscat u Elaine Pace ma ntavolawx il-proċeduri arbitrali fiż-żmien stipulat mil-liġi bil-konsegwenza li l-mandat ta’ inibizzjoni għandu jitneħħa;

[1] In-*notice of arbitration* tniedi l-proċeduri ta’ l-arbitraġġ

*In vista* tas-suespost, is-soċjeta’ esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tneħħi l-mandat ta’ inibizzjoni maħruġ fil-11 ta’ Novembru 2014 bin-numru 1626/2014 u dan *stante* li ma nbdewx il-proċeduri arbitrali fiż-żmien l-għoxrin ġurnata.

Rat ir-risposta ta’ Albert Muscat u Elaine Pace datata 17 ta’ Dicembru 2014 fejn esponew : -

Illi t-talba dedotta tar-rikors in kwistjoni ghandha tigi respinta peress illi l-proceduri tal-arbitragg iservu biex izommu *in vigore* l-mandat ta’ inibizzjoni in kwistjoni.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal fuq premess jigi relevat illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` Maltaco xorta wahda tinstab inibita milli tiehu kwalunkwe decizjoni unilaterali u arbitrarja kontra r-rikorrenti per forza ta’ mandat ta’ inbizzjoni precedenti li jgib in-numru : 1824/13 liema mandat ghadu fis-sehh u gie segwit permezz ta’ kawza civili quddiem il-Qorti tal-Prim’ Awla kif ukoll ta’ proceduri ta’ arbitragg pendenti.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Marisa Vella ghas-socjeta` rikorrenti u Dr. Matthew Galea Debono bhala rapprezentant tal-istess. Dehru wkoll Dr Raphael Fenech Adami ghall-intimata Elaine Pace prezenti. Il-partijiet qablu li l-provi fir-rikors odjern ghandhom jghoddu ghar-rikors Cit.Nru. 1626/2014/2 u 'vice versa'. Dr. Raphael Fenech Adami ircieva kopja tar-rikors tad-9 ta' Dicembru 2014 imsemmi, bl-atti annessi 'seduta stante', u

inghata sebat (7) ijiem zmien minn dan id-digriet 'ai termini' tal-Artikolu 836 (3) tal-Kap 12 biex iwiegeb. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta` Maltco Lotteries Limited qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni premessa billi il-mandat in kwistjoni m'għadux iktar fis-seħħ u dan hekk kif ma ġewx ippreżentati l-proċeduri appożiti fl-20 jum preskritt mil-liġi.

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti, senjatament **DOK A** anness mar-rikors, u b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet legali rilevanti, jirrizulta li s-socjeta` intimata hija korretta meta tghid li skont l-**artikolu 742(4) tal-kap.12** it-terminu stabbilit sabiex tinbeda l-azzjoni dwar it-talba soggett ghall-ftehim ta' arbitragg għandu jkunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju. Skont dan is-subartikolu l-att kawtelatorju "*ghandu"* jitnehha (**742(5))** jekk it-terminu ma jigix osservat. In-nuqqas tal-ezekutant li jsegwi l-att kawtelatorju b'azzjoni fiz-zmien stabbilit iwassal ghar-revoka tassattiva tal-Mandat (Ara wkoll **836(1)(a)** u **836(3)** tal-Kap.12 anke minghajr il-htiega ta' notifika lill-kontroparti.

Illi mill-atti esebiti jirrizulta li l-azzjoni arbitrali tar-rikorrenti giet registrata fit-2 ta' Dicembru 2014, cioe` *fuori termine* u per konsegwenza, l-Mandat m'ghandux izjed effett legali. Effettivament id-difensur tal-inrimata ipprezenta nota fl-atti tal-Mandat fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn jiddikjara li infethu proceduri tal-arbitragg numru 4217/14 fit-2 ta' Dicembru 2014.

Ikkonsidrat li bhala principju, gie ribadit fil-kawza "**Giuseppe Caruana vs Charles sive Charlie Psaila," (**Appell, 21 ta' Marzu 1997) li giet imhaddna fis-sentenzi "**Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta**" (Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru 2008) u "**Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd**" (Appell Inferjuri, 12 ta' Frar 2010) li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Kif imbaghad intqal fis-sentenza "**Salina Wharf Marketing**

**Limited vs Malta Tourism Authority"**, (Appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007), *"In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke' d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabbilita` hi hekk necessarja*

*ghal-raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`*".

Illi jirrizulta qabel xejn li l-ftehim li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti tinkorpora klawsola arbitrali u ghalhekk japplikaw ghall-istess id-disposizzjonijiet citati mis-socjeta'rikorrenti;

Illi l-Qorti tifhem li l-istess intimata ezekutanti rat li kien hemm il-htiega li ssegwi l-Mandat odjern bi proceduri separati f'arbitragg minnflok ma strahet fuq l-arbitragg gja pendenti. Li kieku l-proceduri gja istitwiti ta'

arbitragg kienu verament iservu biex izommu *in vigore* l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni certament ma kienx ikun hemm il-htiega li jinfethu proceduri mill-gdid.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li t-talba odjerna hija gustifikata u ser tghaddi biex tirrevoka l-Mandat ta' Inibizzjoni premessa abbazi tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 742(4) u (5)(b) tal-Kap.12.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, **Tilqa'** t-talba tas-socjeta` rikorrenti u **tirrevoka** l-Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fil-11 ta' Novembru 2014 bin-numru 1626/14.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------